# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 27.3.11: IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN.**
Il-Ġabra tal-lum tkun għas-servizz fil-knisja
Bejn it-8.00 u is-1.00p.m se jsir l-ġbir tad-Demm fl-Isptar.

## HIN tas-SAJF

Illum jibda l-Ħin tas-Sajf. Il-ħin tal-quddies se jibqa' kollu fl-istess ħin barra l-quddiesa ta' nhar ta' xogħol filgħaxija li tkun fis**-7.00p.m.**

**EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD.**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa,** se jkun hawn l-Eżereċizzi għal kulħadd. Ikunu fil-knisja wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Il-Predikatur se jkun il-Kappillan Dun Nazju Borg.
Nagħmel appell biex dawk li għadhom ma semgħux il-Kelma ta' Alla jieħdu l-oportunita' matul din il-ġimgħa.

**IL-ĦAMIS, 31.3.11:** Fis-7.00p.m. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**IL-ĠIMGĦA, 1.4.11: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR.**
Nieħdu sehem fil-quddiesa u nagħmlu tqarbina riparatrici
Illum ikun hawn l-Aodrazjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
Tajjeb li bi spirtu ta' talb f'dan iż-żmien tar-Randan insibu ftit ħin biex ngħadduh ma' Ġesu' Ewkaristija.
**Fit-8.30pm**. il-Professjonisti u l-Gradwati ser ikollhom il-Quddiesa tal-Ewwel Gimgha tax-Xahar fil-Knisja ta' Santu Wistin ir-Rabat. Fit-8.15pm ikun hemm il-Qrar.

**IL-ĦADD, 3.4.11: IR-RABA ĦADD TAR-RANDAN**
**Fil-11.30a.m.** Josianne Buttigieg u Ġuseppe Xerri se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom

AVVIŻ
MIS-SEMINARJU MINURI U MILL-ISKOLA SEKONDARJA TAL-KONSERVATORJU TAL-ISQOF TAD-DJOĊESI T'GĦAWDEX

Il-ġenituri/kustodji tal-Istudenti ta' Year 6 illi jattendu fl-Iskejjel Primarji tal-Istat, DEJJEM JEKK IRIDU, huma ġentilment mitluba jirreġistraw lil uliedhom għad-Dħul fl-Ewwel Klassi tas-Seminarju Minuri u tal-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof **nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 5 u 6 t'April mid-9:00 a.m. sal-11.30 a.m.**
L-applikazzjonijiet għat-tfal subien jimtlew fis-Seminarju Minuri waqt li għat-tfal bniet jimtlew fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof (dħul mill-*parking* tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex). Min japplika mitlub jieħu miegħu: Ċertifikat ori ġinali tal-Magħmudija u tat-Twelid tat-tifel/tifla kif ukoll żew ġ ritratti tiegħu/tagħha. Tkun mitluba wkoll il-Karta tal-Identita' tal-Ġenituri. It-tfal iridu jkunu mwielda bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2000. Isir ħlas ta' €10 mal-applikazzjoni.
Se ssir laqgħa informattiva dwar dawn l-applikazzjonijiet **l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2011**. Fil-każ tas-Subien il-laqgħa ser tkun fis-Sala tal-Azzjoni Kattolika (dħul minn Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria) **fid-9.00 a.m.** Fil-każ tal-Bniet il-laqgħa ser tkun fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof (dħul mill-*parking* tal-Isptar Ġenerali ) **fis-6.00 p.m.**

**Ħin ġdid tad-Duttrina fil-Museum**
Minn nhat it-Tnejn se jkun hekk: Year 4 sa Form 2 fis-6.00p.m. U minn Form 3 'l fuq fit-7.45p.m.

**Għotja għall-Karita'.** Il-Parroċċa tat għotja ta' €600 għal karita' f'kas ta' mard.

**Il-ĠABRA għall-Knisja fil-Libja,** kienet is-somma ta' €167.